**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 77/18 AL

**Dr Peter Borg Costanzi bħala mandatarju tal-assenti R Y S (Japanese Passport number TK5938143) u ta` P S (ID 464463M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu li ppremettew :

Illi Rie Ishita S u P S iżżewġu fis-16 ta` Awwissu 2006 fi Shinshiro City, Aichi l-Ġappun liema zwieġ ġie reġistrat Malta (Dok B).

Illi minn dan iż-żwieġ għandhom tifel X Y Z li twieled fl-10 ta` Mejju 2006.

Illi ilhom *de facto* separati minn Ġunju 2012 u filwaqt li Rie Ishita S tgħix Kent l-Ingilterra, P S huwa reżidenti u domiċiljat Malta.

Illi huma sseparaw bonarjament permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tas-7 ta` Frar 2018.(Dok C & A)

Illi m'hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar kura u kustodja u mantenimanet, la tal-minuri u lanqas bejn xulxin.

Illi ma hemmx il-possibilita ta` rikonċiljazzjoni.

Għaldaqstant l-esponenti jitobu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti

Talbu li din il- Qorti jogħġobha tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jgħaddi ż-żmien utili skond il-liġi, li kopja tad-digriet relattiv jiġi komunikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jiġi debitament reġistrat skond il-liġi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti P S;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta' Frar 2018 u de facto separati minn Gunju 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.